

# DEĊIJONIJIET

## DEĊIJONI TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/175

tat-8 ta' Frar 2016

**dwar miżura meħuda minn Spanja skont id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li tipprobjixxi t-tqegħid fis-suq ta' tip ta' apparat għall-ħasil bil-pressa (pressure washer)**

*(notifikata bid-dokument C(2016) 670)*

*(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat d-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

- (1) F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(2) tad- Direttiva 2006/42/KE, Spanja infurmat lill-Kummissjoni dwar miżura li tipprobjixxi t-tqegħid fis-suq ta' apparat għall-ħasil bil-pressa (pressure washer) tat-tip Parkside PHD 100 B2 immanifaturat minn Grizzly Gartengeräte GmbH & Co. KG Germany u mqassam mil-Lidl Supermercados, S.A.U. Spanja.
- (2) Din il-miżura ttieħdet minħabba nuqqas ta' konformità tal-apparat għall-ħasil bil-pressa (pressure washer) mar-rekiżi essenzjali tas-sahħha u tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE.
- (3) It-Taqsima 1.5.1 ("Il-provvista tal-elettriku") tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE tirrikjedi li l-makkinarju li jkollu provvista tal-elettriku, għandu jkun iddisinnat, mibni u mgħammar b'tali mod li jistgħu jiġu evitati l-perikli kollha ta' natura elettrika. It-Taqsima 1.5.2 ("L-elettriku statiku") tal-istess Anness I tirrikjedi l-makkinarju għandu jkun iddisinjat u mibni b'tali mod li jimpiedixxi jew jillimita li jingħema ċārg elettrostatiku potenżjalment perikoluż u/jew ikun mgħammar b'sistema ta' ħruġ ta' ċārg tal-elettriku.
- (4) Id-Dikjarazzjoni ta' Konformità tal-KE maħruġa mill-mannifatur għall-apparat tal-ħasil bil-pressa għamlet referenza, fost l-oħrajn, għall-istandard armonizzat EN 60335-2-67:2009 "Household and similar electrical appliances — Safety — Part 2- 67: Particular requirements for floor treatment and floor cleaning machines for commercial use (IEC 60335-2-67:2002 (Modified) + A1:2005 (Modified))".
- (5) Skont l-lawtoritajiet Spanjoli, l-apparat ippreżenta n-nuqqasijiet li ġejjin:
  - il-grad ta' protezzjoni kontra d-dħul perikoluż tal-ilma kien aktar baxx mil-livell IPX 7 mitħub għal apparat li jinżamm fl-idejn, b'riskju konsgewenti ta' xokk elettriku. Dan ma kienx f'konformità mat-Taqsimiet 1.5.1 u 1.5.2 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, kif ukoll mal-paragrafu 6.2 tal-istandard armonizzat EN 60335-2- 67:2009 fir-rigward ta' tagħmir li jinżamm fl-idejn;
  - it-tul ta' kejbil tal-elettriku kien inqas minn 15 m, b'riskju konsgewenti ta' xokk elettriku. Dan ma kienx f'konformità mat-Taqsimiet 1.5.1 u 1.5.2 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, kif ukoll mal-paragrafu 25.7 tal-istandard armonizzat EN 60335-2- 67:2009 fir-rigward ta' tagħmir li jinżamm fl-idejn;
  - l-apparat għall-ħasil bil-pressa (pressure washer) kellu fetħa ta' inqas minn 60 mm mill-art li setgħet twassal l-ilma għal partijiet live, bil-konsegwenza ta' riskju ta' xokk elettriku. Dan ma kienx f'konformità mat-Taqsimiet 1.5.1 u 1.5.2 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, kif ukoll mal-paragrafu 22.101 tal-istandard armonizzat EN 60335-2- 67:2009.

<sup>(1)</sup> ĠUL 157, 9.6.2006, p. 24.

- (6) Il-Kummissjoni stiednet lill-manifattur, Grizzly Gartengeräte GmbH & Co. KG, u lid-distributur, il-Lidl Supermercados, S.A.U., biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar il-miżura meħuda minn Spanja.
- (7) Ma waslet 1-ebda tweġiba mingħand il-manifattur. Id-distributur, fir-replika li waslet mingħand ir-rappreżentant tiegħu, kien tal-fehma li l-makkinarju huwa apparat li jista' jinġarr u li r-rekwiżiti tekniċi inqas baxxi, il-grad tal-protezzjoni u t-tul tal-kejbil tal-elettriċi kienu konformi ma' dak li hu mitlub fil-każ ta' apparat li jinġarr, filwaqt li n-nuqqasijiet rrimarkati mill-awtoritajiet Spanjoli kienu rekwiżiti diretti għal apparat li jinżamm fl-idejn. Dwar il-fetħa, id-distributur qies li dan ir-rekwiżit ġie sodisfat billi ma kienx hemm partijiet attivi fl-apparat tal-ħasil bil-pressa (pressure washer) għolja f'distanza ta' inqas minn 60 mm mill-art.
- (8) Skont id-dokumenti disponibbli, il-livell differenti tar-rekwiżiti ta' sikurezza tekniċi kkunsidrati mill-awtoritajiet Spanjoli u mid-distributur kienu direttament marbuta ma' jekk l-apparat għall-ħasil bil-pressa (pressure washer) għandux jiġi kklasifikat bħala tagħmir li jinżamm fl-idejn jew apparat li jista' jinġarr kif definit mill-istandard armonizzat EN 60335-1 "Sigurtà ta' apparati elettriċi domestiċi u apparati simili — Sikurezza- Part 1: Rekwiżiti ġenerali". Barra minn hekk, l-istandard EN 60335-2-67 għandu jintuża flimkien mal-EN 60335-1.
- (9) L-analiżi tal-evidenza mogħtija mill-awtoritajiet Spanjoli u tad-dokumenti mogħtija mid-distributur wasslu għall-konklużjoni li l-apparat għall-ħasil bil-pressa (pressure washer) hu ta' użu doppju, jiġifieri, jista' jintuża mhux biss bħala apparat li jista' jinġarr, kif iddikjarat middistributur, iżda wkoll bħala apparat li jinżamm fl-idejn, kif ġie rrimarkat mill-awtoritajiet Spanjoli. Fi kwalunkwe każ, anki kieku kellu jitqies li l-apparat għall-ħasil bil-pressa (pressure washer) hu apparat li jinġarr, l-użu tiegħu bħala apparat li jinżamm fl-idejn jista' titqies bħala "użu ħażin raġonevolment prevedibbli" fit-termini tal-prinċipji tal-integrazzjoni tas-sikurezza stabbiliti fit-Taqsimiet 1.1.2 u 1.7.4.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, li jippreskrivu li l-manifattur għandu jqis l-użu maħsub u kull użu ħażin raġonevolment prevedibbli tal-magna. Għalhekk, il-apparat għall-ħasil bil-pressa (pressure washer) għandu f'kull każ jissodisa r-rekwiżiti tekniċi ta' sikurezza ogħla għal apparat li jinżamm fl-idejn.
- (10) Konsegwentement, il-apparat għall-ħasil bil-pressa (pressure washer) tat-tip Parkside PHD 100 B2 manifatturat minn Grizzly Gartengeräte GmbH & Co. KG Germany u mqassam mil-LIDL Supermercados, S.A.U. Spanja, jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza msemmija fl-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 2006/42/KE. Dan in-nuqqas ta' konformità jwassal għal riskju serju ta' korriġment għall-utenti. Għaldaqstant jixraq li l-miżura li ħadet Spanja titqies bħala waħda ġġustifikata.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

Il-miżura meħuda minn Spanja biex tipprobixxi t-tqegħid fis-suq tal-apparat għall-ħasil bil-pressa (pressure washer) tat-tip Parkside PHD 100 B2 manifatturat minn Grizzly Gartengeräte GmbH & Co. KG Germany u mqassam mil-LIDL Supermercados, S.A.U. Spanja, hi ġġustifikata.

#### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Frar 2016.

Għall-Kummissjoni  
Elżbieta BIEŃKOWSKA  
Membru tal-Kummissjoni